MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 446/2006

**Salvatore Coppola, Karta ta’ l-Identita’ Numru 533849M u Mary mart l-istess Salvatore Coppola, Karta ta’ l-identita’ Numru 997950M**

**vs**

**Gerolama Busuttil, Karta ta’ l-Identita’ Numru 49724M**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tar-rikors** li permezz tieghu ir-rikorrenti esponew Illi:

Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza

1. Illi in forza ta' konvenju datat 8 t'April 2004 (Dokument "A'') l-atturi kienu obbligaw ruhhom li jbieghu u jitrasferixxu lill-konvenuta l-appartament internament markat bin-numru 8 fit-tieni sular formanti parti minn *block* esternament numru 12, bla isem, kif ukoll il-*garage space* numru 3 fil-livell numru 3 ta' l-istess *block*, b'faccata fuq Triq Forrest, San Giljan, bil-prezz u l-pattijiet u kundizzjonijiet hemm stipulati

2. Illi mid-data ta' dak il-konvenju, u in vista tal-bejgh mill-atturi lill-konvenuta hemm miftiehem, l-atturi kkonsenjaw lill-konvenuta il-pussess ta' l-imsemmija appartament u *garage space,* li sa llum ghadhom effettivament fil-pussess taghha;

3. Illi dak il-konvenju gie in segwitu prorogat kif jirrizulta mill-anness Dokument "B'', izda illum skada u spicca l-effett tieghu minghajr ma l-atturi u l-konvenuta geddew ulterjorment tali konvenju jew ghamlu l-att notarili ta' trasferiment *propio.*

4. Illi minkejja li skada dak il-konvenju, l-imsemmija appartament u *garage space* ghadhom fil-pussess tal-konvenuta li llum ghalhekk qed tokkupahom bla ebda titolu validu fil-Ligi.

5. Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 5 t'April 2006 (Dokument "C''), l-atturi kienu interpellaw lill-konvenuta sabiex zmien gimgha mid-data ta' dik l-istess ittra ufficjali hi tizgombra mill-imsemmija appartament u *garage space* u thallihom liberi u vojta favur l-atturi.

*6.* Illi permezz ta' ittra tal-konsulent legali taghha datata 13 t' April 2006 (Dokument "D''), il-konvenuta gharrfet lill-atturi *illi hija disposta tizgombra mill-fond, kif kienet diga' infurmatek xhur ilu, izda dan ghandu jsir fl-istess hin li inti troddilha s-somma ta' sebat elef u erba'*

*mitt Lira (Lm7,400) imhallsa fuq il-konvenju, u li issa qed izzomm bla titolu ladarba il-bejgh ma sehhx.*

*7.* Illi in verita' il-konvenuta ma tistax tippretendi li hi ntitolata skond il-Ligi li tkompli zzomm il-pussess tal-imsemmija appartament u *garage space,* a skapitu u konsegwenti dannu ta' l-atturi, ghar-raguni minnha dedotta permezz ta' l-ittra legali tal-konsulent legali taghha fuq imsemmija.

*8.* Illi fic-cirkostanzi tal-kaz jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan ir-Rikors jigi deciz bid-dispensa tas-smigh tieghu billi l-konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni valida fil-Ligi xi tressaq kontra t-talba ta' l-atturi ghall-izgumbrament taghha mill-*appartament internament markat bin-numru 8 fit-tieni sular formanti parti minn block esternament numru 12, bla isem, kif ukoll il-garage space numru 3 fil-livell numru 3 ta' l-istess block, b'faccata fuq Triq Forrest, San Giljan*. (Dokument "E'').

*9.* L-atturi jafu personalment il-fatti ghal dak li jirrigwardja l-konvenju tat-8 t'April 2004, il-konsenja tal-pussess ta' l-appartament u l-*garage space* minnhom lill-konvenuta, il-konsegwenti proroga ta' dak il-konvenju, u l-fatt li l-istess konvenju illum skada u spicca l-effett tieghu, izda cio' nonostante il-konvenuta naqset milli tikkonsenjalhom lura l-pussess vakanti ta' dawk l-immobbli. Dwar dan l-atturi jistriehu wkoll fuq ix-xhieda tan-Nutar Patrick Critien li ghandu jinsab preservat il-konvenju tat-8 t'April 2004 u s-sussegwenti proroga tieghu.

Raguni tat-Talba

1. Illi kif appena fuq premess, ghalkemm il-konvenuta giet interpellata mill-atturi permezz ta' ittra ufficjali datata 5 t'April 2006 sabiex tizgombra mill-imsemmija appartament internament markat bin-numru 8 fit-tieni sular formanti parti minn *block* esternament numru 12, bla isem, kif ukoll il-*garage space* numru 3 fil-livell numru 3 ta' l-istess *block*, b'faccata fuq Triq Forrest, San

Giljan, favur taghhom, din baqghet inadempjenti u konsegwentement l-istess appartament u *garage space* ghadhom fil-pussess taghha sa llum.

2. Ghalhekk qed tigi stitwita din il-procedura bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Talbiet</u>

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, l-atturi jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smigh tar-Rikors ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex f'terminu qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din il-Qorti tizgombra mill-appartament internament markat bin-numru 8 fit-tieni sular formanti parti minn *block* esternament numru 12, bla isem, kif ukoll il-*garage space* numru 3 fil-livell numru 3 ta' l-istess *block*, b'faccata fuq Triq Forrest, San Giljan, stante li qed tokkupahom bla titolu, u ghaldaqstant tirrilaxxa l-istess immobili bhala liberi u vojta favur l-atturi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 t'April 2006, kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-**Risposta mahlufa b'kontro-talba tal-konvenuta** a fol. 36 tal-process fejn eccepiet:

***Eccezzjonijiet***

1. Il-kawza saret ghalxejn, u ghalhekk il-konvenuta ma ghandiex tbati spejjez, ghax hija dejjem kienet lesta li trodd l-appartament lill-atturi basta dawn ihallsuha tal-benefikati li ghamlet fil-post u jroddulha s-somma ta' sebat elef u erba' mitt lira (Lm7,400) li hi hallsithom fuq konvenju bhala depozitu akkont tal-prezz tal-bejgh li baqa' ma sehhx b'nuqqas ta' l-atturi stess

(ghax wieghdu li jbieghu dak li ma kienx taghhom), u kienu l-atturi li ma ridux illi r-radd ta' l-appartament mill-konvenuta lilhom u r-radd tal-flus tad-depozitu u l-hlas tal-kumpens ghall-benefikati minnhom lill-konvenuta jsiru kontestwalment; u

2. sakemm ma tithallasx dak li jmiss lilha, il-konvenuta ghandha jedd izzomm il-fond skond l-art. 550 tal-Kodici Civili, u ghalhekk it-talbiet ta' l-atturi huma intempestivi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

**Fatti dwar it-talba u oggett tar-rikonvenzjoni**

1. Huwa minnu illi b'konvenju tat-8 t'April 2004 l-atturi kienu ntrabtu li jbieghu lill-konvenuta l-appartament u *garage space* imsemmija fir-rikors mahluf ta' l-atturi.

2. Huwa minnu wkoll illi l-atturi kkonsenjaw lill-konvenuta c-cavetta u l-pussess tal-fond li ntrabtu li jbieghulha.

3. Huwa minnu wkoll illi, ghalkemm il-konvenju kien prorogat, illum skada, u l-bejgh baqa' ma sarx.

4. Li ma jghidux l-atturi fir-rikors mahluf taghhom hu illi l-bejgh ma sarx ghax, minkejja l-weghda ta' bejgh maghmula minnhom, l-atturi ma kinux sidien u ghalhekk ma setghux ibieghu. Xtraw il-proprjeta' meta kien ga' skada l-konvenju.

5. Li ma jghidux l-atturi wkoll hu illi mal-konvenju l-konvenuta hallsithom sebat elef u erba' mitt lira (Lm7,400) akkont tal-prezz, u, ghalkemm illum il-konvenju skada u ghalhekk id-depozitu qieghdin izommuh bla titolu, qieghdin jirrifjutaw li jroddu d-depozitu filwaqt illi jippretendu illi l-konvenuta troddilhom il-fond.

6. Il-konvenuta kienet thajret tixtri l-appartament mertu tal-kawza ghax xtaqet li jkolha post bi pjan wiehed, kemm minhabba l-eta' avvanzata taghha kif ukoll ghax maghha joqghod binha li ghandu d-*Down's Syndrome.* Ghal dawn ir-ragunijiet meta ftiehmet dwar ix-xiri ta' l-

appartament ghamlet arrangamenti biex tbiegh id-dar taghha u dahlet toqghod fl-appartament.

7. Fiz-zmien li ghamlet toqghod fl-appartament, fejn ghadha sallum, il-konvenuta ghamlet spejjez u benefikati fih.

8. Meta kull tentattiv biex isir il-bejgh spicca fix-xejn, ghax l-atturi baqghu ma xtrawx il-proprjeta' biex ikunu jistghu ibieghuha lill-konvenuta, u skada z-zmien tal-konvenju, il-konvenuta bdiet tfittex post iehor u fil-fatt kriet *flat.* Meta giet biex tohrog u trodd ic-cwievet lill-atturi, u kienet ghamlet l-arrangamenti kollha ghall-garr, il-konvenuta stenniet li l-atturi jroddulha l-flus tad-depozitu hekk kif taghtihom ic-cavetta, izda l-atturi fl-ahhar mument ma ridux, ghax qalu li riedu l-ewwel jiehdu lura l-appartament u jaraw l-affarijiet taghhom. Il-konvenuta ma riditx titlaq il-post minn idejha sakemm kontestwalment ma tehux lura flusha u l-flus li kienet harget f'benefikati, izda l-atturi riedu l-ewwel jiehdu c-cwievet u mbaghad jaraw, bla ma jirrispettaw id-dritt tal-konvenuta illi zzomm il-pussess tal-fond sakemm ma tihux dak li jkun imissha.

9. Sussegwentement l-atturi biex jipprofittaw ruhhom mis-sitwazzjoni bdew jippretendu l-hlas ta' kera ghaz-zmien meta l-appartament kien f'idejn il-konvenuta, ukoll ghal zmien meta kienu ghadhom m'humiex sidien, u ppretendew illi din tkun pacuta mad-depozitu, ghalkemm kien bi htija u nuqqas taghhom, ghax irrifjutaw illi jroddu d-depozitu hekk kif ghalaq il-konvenju, illi r-radd tac-cwievet u r-radd tad-depozitu ma sehhewx kontestwalment.

10. Il-konvenuta taf hi stess il-fatti hawn esposti.

**Raguni tal-kontro-talbiet**

1. L-atturi qieghdin izommu minghajr titolu sebat elef u erba' mitt lira (Lm7,400) flus tal-konvenuta li thallsu bhala depozitu akkont tal-prezz ta' bejgh li ma sehhx;

2. Il-konvenuta ghamlet benefikati fil-proprjeta’ tal-atturi, u ghandha dritt ghal kumpens ghal dawn il-benefikati skond l-art. 540 *et seq.* tal-Kodici Civili:

**Kontro-talbiet**

Il-konvenuta ghalhekk b’rikonvenzjoni titlob illi din il-Qorti Onorabbli:

1. tikkundanna lill-atturi jroddu lill-konvenuta s-somma ta’ sebat elef u erba’ mitt lira (Lm7,400), flimkien ma’ l-imghaxijiet relattivi sa dakinhar tal-hlas, flus tal-konvenuta li thallsu bhala depozitu akkont tal-prezz ta’ bejgh li ma sehhx;

2. tillikwida l-kumpens li jmiss lill-konvenuta ghall-benefikati li ghamlet fil-propjeta’ ta’ l-atturi; u

3. tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenuta s-somma likwidata skond it-tieni kontro talba, flimkien ma’ l-imghaxijiet relattivi.

Bl-ispejjez, kemm tal-kawza kif ukoll tar-rikonvenzjoni, kontra l-atturi li huma minn issa mharrkin ghas-subizzjoni.

Rat ir-**Risposta Guramentata ta’ l-atturi ghall-Kontro-Talba tal-konvenuta** a fol. 41 tal-process fejn issottomettew:

1. L-ewwel kontro-talba tal-konvenuta ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontriha stante li tali talba m’hijiex konnessa mat-talba ta’ l-atturi skond kif rikjest mill-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. It-tieni u t-tielet kontra-talba tal-konvenuta ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontriha stante li hi ma tat ebda prova li ghamlet xi benefikati fil-propjeta’ ta’ l-atturi, u wisq anqas tat prova li tali benefikati, jekk qatt

saru, kienu mehtiega jew utili kif mahsub fl-Artikolu 545 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Kontestazzjoni**

L-atturi qed jitolbu li l-konvenuta tohrog mill-post in kwistjoni ghax qed jghidu li hija qed tokkupah minghajr titolu validu wara li skada l-konvenju.

Fl-eccezzjoni taghha l-konvenuta qed tammetti li qeda fil-post minghajr titolu u lesta li tivvakah, izda qed tinvoka l-artikolu 550 tal-Kodici Civili u qed tippretendi li ghandha d-dritt li zomm il-post sakemm tithallas tal-benefikati li ghamlet.

Il-konvenuta pprezentat ukoll kontro-talba, fejn talbet ir-rifuzjoni tas-Lm7,400 li hallset fuq il-konvenju flimkien ma' l-imghax u kumpens ghall benefikati li ghamlet fil-propjeta' ta' l-atturi.

L-atturi wiegbu l-kontro-talba u qalu li kontro-talba trid tohrog mill-istess fatt u din trid tkun konnessa mat-talba ta' l-atturi (Art 396 Kap 12). Dan mhux il-kaz. Inoltre l-konvenuta ma gabet ebda prova li ghamlet xi benefikati fil-propjeta' ta' l-atturi jew prova li dawn il-benefikati kienu mehtiega kif mahsub fl-artikolu 545 tal Kap 16.

**Fatti**

Bhala fatti, li gara kien li l-konvenuta kienet iffirmat konvenju datat 8 ta' April 2004 (ara fol. 5) ma' l-atturi biex tixtri l-appartament in kwistjoni minghandhom u hallset depozitu ta' Lm7,400 fuq il-konvenju. L-atturi Coppola kienu huma stess fuq konvenju iehor mas-sid ta' l-appartament, Equal Co. Ltd., li ghaliha kien qed jidher Francis Scicluna. Fil-frattemp il-konvenuta bieghet id-dar fejn kienet toqghod lill-haddiehor u giet awtorizzata minn Coppola u Scicluna biex, sakemm isir il-kuntratt finali, tidhol tokkupa l-appartament li kienet se tixtri. Il-Nutar

imbaghad ghadda id-depozitu lill Coppola. Fil-frattemp irrizulta li Scicluna, is-sid tal-appartamenti, kellu dejn mhux imhallas mal-Bank, li min naha tieghu ma kienx se lest li jaghti l-waiver ta’ l-ipoteki li kien hemm fuq il-fond qabel jithallas id-dejn kollu. Irrizulta li Scicluna harab minn Malta, u Coppola kellu jhallas id-dejn li kien hemm fuq l-appartamenti li Coppola kien se jixtri minghand Scicluna. Billi Coppola kien se johrog aktar flus, u biex ikopri d-dejn ta’ Scicluna biex l-appartamenti jigu rilaxxjati lilu, hu talab lix-xerrejja ta’ l-appartamenti, inkluz il-konvenuta, biex johorgu aktar flus izda l-konvenuta m’accettatax. Sadanittant il-konvenji bejn Scicluna u Coppola u Coppola u Busutill skadew. L-atturi ghalhekk talbu lill konvenuta biex tizgombra u hi accettat li tohrog mill-appartament izda talbet li l-atturi jirritornawla d-depozitu li kienet ghamlet ta’ Lm7,400.  L-atturi pero’ talbu ukoll kumpens ghall okkupazzjoni mill-konvenuta tal-appartament u spejjez ta’ dawl u ilma u verifika tal-hsarat li l-konvenuta setghet ghamlet fil-fond. Min naha taghha l-konvenuta talbet kompensazzjoni ghall benefikati u spejjez li ghamlet fil-post. Ma intlahaqx ftehim, l-atturi ma rritornawx id-depozitu, il-konvenuta ma rrilaxxjatx l-appartament u saret dina l-kawza.

**Konsiderazzjonijiet**

L-atturi jissottomettu li l-eccezzjoni tal-konvenuta a bazi ta’ l-artikolu 550 tal-Kap 16 ma tapplikax ghal kaz in ezami ghall zewg ragunijiet:

(1) l-ewwelnett l-allegati benefikati ma humiex kontemplati fil-ligi (insect screens, blinds, air-conditioner) ghax il-ligi tikkontempla benefikati li jsiru parti integrali mill-fond.

(2) Ir-raguni vera ghaliex il-konvenuta baqghet izzomm l-appartament kienet li hi qed tippretendi li ghandha tiehu lura d-depozitu ta’ Lm7,400 li ghamlet fuq il-konvenju qabel tirrilaxxja l-appartament.

Illi skond l-artikolu 550 tal-Kodici Civili kull meta, skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli ta’ qabel dan, il-pussessur, sew ta’ bona fidi kemm ta’ mala fidi, ikollu jedd jiehu lura l-

ispejjez li jkun ghamel fuq il-haga ta’ haddiehor, sew billi jiehu lura l-oggetti maghmulin b’dawk l-ispejjez, jew billi jithallas lura ta’ dawk l-ispejjez, huwa ghandu l-jedd, bla hsara tad disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 2079, li jzomm f’idejh il-haga sa kemm jiehu dak li jkun imissu, basta li t-talba tieghu ghal dawn l-ispejjez issir, imqar bil-fomm, matul is-smigh tal-kawza, qabel ma tinghata s-sentenza fuq it-talba tas-sid ghar-radd ta’ dik il-haga.

Illi skond dana l-artikolu l-ispejjez li konvenuta hija intitolata ghalihom *(ius retentionis)* huma dawk l-ispejjez mehtiega u utili maghmula “fil-haga”. (Ara App Civ Sup Delia vs Buontempo 16.4.56 u Zammit vs Dr.A.Caruana 19/5//1952). Skond l-artikolu 545 tal-Kap 16 l-ispejjez mehtiega huma dawk li minghajrhom il- haga kienet tispicca jew titgharraq u (2) l-ispejjez utili huma dawk li jaghmlu l-haga ahjar milli tkun, billi jaghmluha izjed komda, jew li tista’ taghti aktar frottijiet, minghajr ma l-haga tbati hsara kemm-il darba dawn l-ispejjez ma jsirux.

Fil-kaz in ezami l-ispejjez li l-konvenuta qed tippretendi li ghandha jedd izzomm (blinds, air-conditioner, insect-screens) mhumiex dawk l-benefikati li l-ligi tikkontempla bhala li jsiru parti integrali mill-fond, “fil-haga”. Il-konvenuta setghet liberament tohodhom dawn il-benefikati u l-fond jibqa l-istess billi l-ispejjez li saru ma kienux mehtiega. Infatti jirrizulta mill-provi li l-konvenuta kienet lesta li tirrinuzja ghalihom, basta li tinghata lura d-depozitu ta’ Lm7,400.

Dwar dana pero’ l-atturi qed jissottomettu li l-konvenuta baqghet izomm l-appartament billi kienet qed tippretendi li ghandha tiehu lura d-depozitu ta’ Lm7,400 li ghamlet fuq il-konvenju, haga li ma setghetx taghmel, u lanqas ma setghetx titlob dana permezz ta’ kontro-talba billi t-talba ma hiex konnessa mat-talba ta’ l-atturi skond l-artikolu 396 tal-Kap 12 u anke kieku huma ghandhom eccezzjonijiet x’jaghtu f’dan ir-rigward.

Skond l-artikolu 396 tal-Kap 12 fil-kawzi, l-konvenut jista’ jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta’ l-attur kif sejjer jinghad

hawn taht: (*a*) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba ta' l-attur. Issa fil-kaz in ezami l-kontro-talba tal-konvenuta ghar-rifusjoni tad-depozitu gejja mill-istess fatt, mill-istess kuntratt, billi kif l-atturi qed jitolbu l-izgumbrament tal-konvenuta ghax skada l-konvenju, l-konvenuta qed titlob ir-rifusjoni tad-depozitu ghax skada l-konvenju. Ghalhekk il-konvenuta seghtet tipprezenta l-kontrotalba ghar-rifusjoni tad-depozitu maghmul. Infatti skond il-ligi u gurisprudenza ta' dawn il-Qrati:

"L-effett tal-weghda jispicca meta jaghlaq iz-zmien miftiehem bejn il-partijiet ghal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bhal dak, meta jghaddu tliet xhur minn dak inhar li l-bejgh ikun jista' jsir, kemm il-darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju pprezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbili kif intqal qabel, sabiex jaghmel il-bejgh, u kemm-il darba, fil-kaz li dak li wieghed jonqos li jaghmel hekk, it-talba b'citazzjoni sabiex titwettaq il-weghda ma tigix prezentata fi zmien tletin jum minn meta jaghlaq l-imsemmi zmien".

Illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna jekk il-formalitijiet rikjesti f'dan l-artikolu ma jigux osservati, l-konvenju jitlef l-efficacja tieghu u dak in nhar li jiskadi, **l-partijiet jergghu lura ghal posizzjoni li kienu qabel sar il-konvenju.**

"F'kaz fejn konvenju jiskadi minghajr hadd mill-kontendenti ma jimplimenta dan il-konvenju fit-terminu tal-validita' tieghu, u lanqas ma jiehu mizuri gudizzjarji li trid il-ligi biex jinfurzaw id-drittijiet u obbligi reciproki stipulati fil-konvenju jfisser **li l-partijiet jirritornaw ghall *istatus quo ante*.** Ghalhekk il-kompratur jista' jitlob lura minghand il-venditur id-depozitu li jkun hallas fuq il-konvenju." (Ara sentenzi A.Ciantar vs A.Vella LXX11 p 11 p828; L.Abela vs T.Spiteri Vol Vol LXX111 p11 p 403; J.Cassar vs V Farrugia LXXV11 p11 p316.)

Fil-kaz in ezami l-konvenuta tista' titlob lura permezz tal-kontro-talba d-depozitu li hija ghamlet ghax hu dovut skond il-ligi, dana pero' bla pregudizzju ghad-drittijiet ohra

li l-partijiet qed jippretendu li ghandhom kontra xulxin li izda li huma kontestati u f'dina l-kawza ma gewx pruvati.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Prevja li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta
Tilqa' t-tieni talba ta' l-atturi u
Tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi zmien xahar tizgombra mill-appartament internament markat bin-numru 8 fit-tieni sular formanti parti minn *block* esternament numru 12, bla isem, kif ukoll il-*garage space* numru 3 fil-livell numru 3 ta' l-istess block, b'faccata fuq Triq Forrest, San Giljan, stante li qed tokkupahom bla titolu, u ghaldaqstant tirrilaxxa l-istess immobili bhala liberi u vojta favur l-atturi.
Tilqa' l-kontro-talba tal-konvenuta u
tikkundanna lill-atturi jroddu lill-konvenuta s-somma ta' sebat elef u erba' mitt lira (Lm7,400), flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi sa dakinhar tal-hlas, flus tal-konvenuta li thallsu bhala depozitu akkont tal-prezz ta' bejgh li ma sehhx;
Tichad l-ewwel eccezzjoni ghal kontro-talba u l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni u tilqa' it-tieni parti tal-tieni eccezzjoni ghall kontrotalba;
Spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------